



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 20/25

il-Lussemburgu, 25 ta' Frar 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-146/23 | Sąd Rejonowy w Białymstoku u C-374/23
| [Adoreiké] ¹

Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni dwar id-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin nazzjonali

Minquxa fil-liġi, il-modalitajiet tad-determinazzjoni tagħha għandhom ikunu oġġettivi, prevedibbli, stabbli u trasparenti

Qrati Pollakki u Litwani ressqu domandi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li din ir-remunerazzjoni, li tikkostitwixxi waħda mill-garanziji tal-indipendenza tal-Imħallfin, għandha tkun adegwata meta mqabbla mal-importanza tal-karigi li jkollhom. Id-determinazzjoni tagħha għandha jkollha bażi legali u għandha tissodisfa l-kriterji ta' oġġettività, ta' prevedibbiltà, ta' stabbiltà u ta' trasparenza. Il-livell ta' remunerazzjoni tal-Imħallfin għandu jkun għoli biżżejjed, fid-dawl tal-kuntest soċjoekonomiku tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fid-dawl tas-salarju medju. Kull deroga mill-metodu ta' determinazzjoni tal-imsemmija remunerazzjoni għandha tiġi ġġustifikata minn għan ta' interess ġenerali. Dawn id-derogi, li ma għandhomx ikunu mmirati speċifikament lejn l-Imħallfin, għandhom ikunu neċessarji, proporzjonati u temporanji. Dawn ma jistgħux jippreġudikaw il-fatt li r-remunerazzjoni tal-Imħallfin tkun xierqa meta mqabbla mal-karigi li jkollhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għet adita minn qrati Pollakki u Litwani li staqsew jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin kinux konformi mad-dritt tal-Unjoni ².

Liġi Pollakka tipprevedi li s-salarju bażiku tal-Imħallfin għandu jiġi ddeterminat oġġettivament, abbażi tas-salarju medju kkomunikat mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika. Madankollu, tliet liġijiet temporanji emendaw dan il-metodu ta' kalkolu, li wassal għal "iffriżar" tar-rivalutazzjoni tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin għas-snien 2021, 2022 u 2023. Din il-miżura derogatorja għet iġġustifikata minn limitazzjonijiet baġitarji marbuta mal-pandemija tal-Covid-19 u mal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Filwaqt li kkontesta din l-emenda, Imħallef talab somma li kienet tikkorrispondi għad-differenza bejn is-salarju rċevut u s-salarju li huwa kien jirċievi li kieku ma kienx hemm l-"iffriżar" tar-rivalutazzjoni.

Fil-Litwanja, żewġ Imħallfin ippreżentaw rikors għad-danni kontra dan l-Istat Membru. Huma sostnew li l-livell tar-remunerazzjoni tagħhom jiddependi direttament mir-rieda politika tal-awtorità eżekuttiva u tal-awtorità leġiżlattiva. Barra minn hekk, huma ddenunzjaw l-assenza ta' mekkaniżmu legali li jippermetti li tiġi stabbilita remunerazzjoni dinjituża, adattata għar-responsabbiltajiet tal-Imħallfin u paragonabbli mas-salarji tar-rappreżentanti ta' professjonijiet legali oħra.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **l-fatt li l-Imħallfin jirċievu remunerazzjoni li l-livell tagħha jkun adegwat meta mqabbel mal-importanza tal-karigi li jkollhom jikkostitwixxi garanzija inerenti għall-**

indipendenza tagħhom. Għaldaqstant, meta jadottaw il-modalitajiet għad-determinazzjoni tagħha, l-Istati Membri huma marbuta li josservaw l-obbligi li huma għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni ³.

Għalhekk, **dawn il-modalitajiet għandhom ikollhom bażi legali.** Dawn għandhom ikunu oġġettivi, prevedibbli, stabbli u trasparenti, b'tali mod li jiġi eskluż kull intervent arbitrarju tal-awtorità leġislattiva u tal-awtorità eżekuttiva. L-istess rekwiżiti japplikaw għal miżuri derogatorji li jwasslu għat-tnaqqis tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin jew għall-“iffriżar” tar-rivalutazzjoni tagħha.

Il-livell ta' remunerazzjoni tal-Imħallfin għandu jkun għoli biżżejjed, fid-dawl tal-kuntest ekonomiku, soċjali u finanzjarju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fid-dawl tas-salarju medju. Din ir-remunerazzjoni għandha tkun adegwata meta mqabbla mal-importanza tal-karigi fdati lill-imħallfin sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu protetti minn kwalunkwe pressjoni li tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom u tħarishom mir-riskju ta' korruzzjoni. Madankollu, **l-indipendenza tal-Imħallfin ma tipprekludix li r-remunerazzjoni tagħhom tiġi stabbilita f'livell inqas minn dak tar-remunerazzjoni medja ta' professjonisti legali oħra.**

Id-derogi mir-regoli dwar id-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin għandhom ikunu **ġġustifikati minn għan ta' interess ġenerali**, bħall-eliminazzjoni ta' defiċit pubbliku eċċessiv. Bħala prinċipju, dawn ma għandhomx ikunu mmirati speċifikament lejn l-imħallfin. Jeħtieġ ukoll li dawn ikunu neċessarji u strettament proporzjonali għat-tweqqif tal-għan imfittex. **Minkejja l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' natura eċċezzjonali u temporanja**, ir-remunerazzjoni tal-Imħallfin għandha tkun adegwata meta mqabbla mal-karigi li huma jkollhom.

Fl-aħħar nett, il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jwettqu **stħarriġ ġudizzjarju effettiv** kemm tal-metodu tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tal-Imħallfin kif ukoll tal-miżuri li jidderogaw minn dan il-metodu.

Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk dawn ir-rekwiżiti jkunux ġew osservati f'dan il-każ, ħaġa li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li, *prima facie*, dan huwa l-każ.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² L-Artikolu 2 u tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

³ L-Artikolu 19 TUE, li jikkonkretizza l-valur tal-Istat tad-dritt iddikjarat fl-Artikolu 2 TUE, jagħti lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja r-responsabbiltà li jiggwarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja li l-individwi għandhom taħt dan id-dritt. Għal dan il-għan, il-preżervazzjoni tal-indipendenza ta' dawn l-istanzi hija primordjali.